***Kunsill Lokali Marsaskala***
Ġnien Sant'Anna, Pjazza Dun Tarċis Aguis, Marsaskala
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala**

**ID-DISA` LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 4**

**It-Tnjen 30 ta' Settembru 2024.**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala għamel din is-seduta ġewwa l-uffiċini tal-Kunsill fis-6.10 ta' filgħaxija u mxandra fuq il-website tal-Kunsill.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Kunsillier
Janice Falzon – Kunsillier
John Baptist Camilleri- Kunsillier
Beverly Saliba – Kunsillier
Patrick Camilleri-Kunsillier
Charlot Mifsud – Kunsillier
Errol Cutajar – Kunsillier
Celine Camilleri – Kunsillier
Francis Gilford – Kunsillier
Mary Rose Mifsud- Kunsillier
Jesmond Abela - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Ezekuttiv

4.1 ***Qari t'aploġija:***

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ma kienx hemm ittri t'apoloġija.

4.2 ***Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti: Laqgħa 3 li saret Nhar it-Tlieta 20 ta' Awwissu 2024:***

4.2.1.2 Il-Kunsillier is-Sur B Camilleri talab sabiex issir emenda ta' minuta 3.2.1 ta' paġna 2 it-tieni paragrafu fejn għanda tinbidel u tinqara hekk kif ġej:

*Il-Viċi Sindku is-Sinjorina Janice Falzon qalet illi l-persuna li tagħmel ir-rapport trid tkun lesta li tixhed għax jekk le ikun kollu ta xejn.*

4.2.1.3 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri talab sabiex issir emenda ta' minuta 3.3.4 ta' paġna 5 fejn għanda tinbidel u tinqara hekk kif ġej:

*Flimkien mas-Segretarja s-Sinjura Rebecca Micallef kif ukoll il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ilqajna fostna d-delegazzjoni Ċiniza mill-Provinċja ta' Zhejiang bi preparazzjoni għad-delegazzjoni Ċiniza minn Dujiangjan il-municipalita' li ffirmajna l-MOU magħhom. Dawn waslu Malta bejn il-21 u 24 ta' Lulju 2024.*

4.2.1.4 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri talab sabiex issir emenda ta' minuta 3.3.19 ta' paġna 7 it-tieni paragrafu fejn għanda tinbidel u tinqara hekk kif ġej:

*Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi tajjeb li la hemm il-ħadid nieqes la jiġi l-ħadid ġdid issir pjattaforma u npoġġuhom fil-ġenb.*

4.2.1.5 Il-Kunsillier Dr Patrick Camilleri talab sabiex issir emenda ta' minuta 3.7.4 ta' paġna 10 it-tieni paragrafu fejn għanda tinbidel u tinqara hekk kif ġej:

*Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l headmistress ta' Sant'Anna qablet mall kunċett tal-ischool grannies u allura kien hemm bzonn u l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud u l-Kunsillier is-Sur Patrick Camilleri ser jergħu jiltaqgħu maz-zewg head masters biex jaraw jekk jaqblux mall-kunċett qabel nipproċedu.*

**Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati hekk kif emendati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-approvazzjoni tal-minuti bħala dokument korrett u ssekonda s-Sindku. Il-votazzjoni kienet 11 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.

4.2.2 **Matters Arising tal-Minuti: Laqgħa 3 li saret Nhar it-Tlieta 20 ta' Awwissu 2024:**

4.2.2.1 Is-Sindku tkellem fuq minuta 3.2.4 ta' paġna 3 fejn qal li ċ-ċint ta' San Tumas sar u ma kienx hemm ilmenti mir-residenti.

4.2.2.2 Is-Sindku tkellem fuq minuta 3.2.9 ta' paġna 3 fejn qal li *rubber humps* inxtraw minn *supplier* ieħor. Huwa qal li ltaqa mal-*Contracts Manager* il-ġdid u qed tibgħatlu *update* kulljum tax-xogħol.

4.2.2.3 Is-Sindku tkellem fuq minuta 3.2.12 ta' paġna 4 jekk kienx hemm risposta fuq il-*container* tal-Bava.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li tkellem ma tal-Bava u qaltlu li x-xogħol għadu mhux lest.

Il-Kunsillier is-Sur Johjn B Camilleri qal li l-aċċess tat-taraġ għandu jinfetaħ immedjatament, peress li l-lift għandu mhux lest u t-taraġ għadu mgħaluq. Huwa saħaq li din hija it-tieni sena skolastika li l-aċċess għadu mgħaluq u anke titnaddaf l-area.

Kien hemm qbil li niktbu lil Infrastructure Malta sabiex nitolbuhom li dan il-*container* jitneħħa peress li huma l-Awtorita` li qed jgħamu dan ix-xogħol, l-aċċess għat-taraġ jinfetaħ u l-area titnaddaf.

4.2.2.4 Is-Sindku tkellem fuq minuta 3.3.1 ta' paġna 4 fejn qal li laqgħa ser issir 2 ta' Ottubru u mistieden kullħadd filwaqt li l-Kunsillier John B Camilleri ser jwaħħal it-tv.

4.2.2.5 Is-Sindku tkellem fuq minuta 3.3.2 ta' paġna 4 fejn qal li hemm talba għal *social worker* oħra għal konsulenza b'xejn fejn kull minn ikollu bżonn ser ngħaddulhom il-kuntat tagħhom. Huwa qal li ser jkun hemm servizz ta' 3 *social workers*.

4.2.2.6 Is-Sindku tkellem fuq minuta 3.3.15 ta' paġna 6 fejn qal li għadna problema ta' tlett ċnut tal-għelieqi li jinsabu perikolużi fi Triq Fran Grech, Triq il-Friefet, Triq Difiża Kostali.

Il-Viċi Sindku qalet ukoll li hemm ieħor fi Triq is-Sdieri.

Is-Sindku qal li iċ-ċint ta' Triq id-Difiża Kostali huwa ħajt tas-sejjieħ u mal-ewwel xita qed jistenna li ser jaqa. Huwa qal li meta tkellem mal-public works u anke il-Ministeru. Huwa kompla jgħid li għalkemm iltaqa ma 3 Periti differenti, kif il-proposta tax-xogħol għal approvazjoni jasal għand id-Direttur tal-works division is-Sur Stephen Bonello jgħidilhom li huwa privat u allura ix-xogħol jibqa ma jsirx. Huwa spjegalu li mhux ser tittieħed parti mill-għalqa iżda hemm bżonn li jerġa jinbena iċ-ċint mill-ġdid. Huwa qal li jew nerġu niktbu lil Ministeru u nitolbhom sabiex iċ-ċint ngħamluh aħna u jħalsuna l-Public works.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li la huwa periklu pubbliku għandna nirrapurtaw lil Puluzija.

Is-Sindku qal li rapporti saru. Huwa qal li jekk jaqu dawn iċ-ċnut tinalaq it-triq.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal li huwa tal-opinjoni li nibgħatu lil kummissarju tal-Puluzija.

Il-Viċi Sindku qalet li hemm ukoll Triq il-Btieti ħdejn tat-tattoes

Il-Kunsill qabel li niktbu lill-Kumissarju tal-Puluzija, lid-Dipartiment tax-xogħolijiet pubbliċi u l-Ministeru fejn ninfurmawhom li huma ta' periklu u ma nafux jekk humiex privati jew tal-gvern. Iċ-ċnut jinsabu fi Triq is-Sdieri, Triq Frans Grech, Triq il-Friefet u Triq Difiża Kostali u Triq il-Btieti.

4.2.2.7 Is-Sindku tkellem fuq minuta 3.3.17 ta' paġna 6 fejn qal li reġa kien hemm xi rwejjaħ mill-Impjant u kellem lil Profs Buhagair.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal fl-impjant tal-waste water hemm żewġ tipi wieħed tal-ħmieġ tal-annimali u l-ieħor tad-drenaġġ tan-nies u kieku r-residenti jistgħu jgħinuna forsi xi ħadd jkun jista jiddistingwixxi jekk hux riħa tad-drenaġġ jew riħa tal-ħmieġ tal-annimali nkunu nistgħu ngħinu lil Profs Buhagair għaliex jkun jista jikkomunika direttatment ma' persuna li hemm 24hrs on call il-Wasteserv.

Il-Kunsillier is-Sinjura Beverly Saliba qalet li ġejja minn fejn ġejja ir-riħa hija tal-opinjoni li din il-problema ilha titkaxkar fit-tul.

4.2.2.8 Is-Sindku tkellem fuq minuta 3.3.19 ta' paġna 7 fejn skuża ruħu jekk ma laħaqx infurmahom imma kellhu jneħħi l-kontenituri tal-Green MT minn ħdejn il-BCRS ta' taħt il-knisja. Huwa qal ukoll li saret pjattaforma biex jitpoġġew il-kontenituri tal-iskips tal-ħwienet li hemm fid-daħla tal-bandli fi Pjazza Mifsud Bonnici.

4.2.2.9 Is-Sindku tkellem fuq minuta 3.3.23 ta' paġna 8 fejn staqsa jekk kienx hemm xi *update* fuq il-manutenzjoni tal-luzzu.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal jekk il-Kunsill kellimiex il-Perit. Huwa qal li min-naħa tiegħu kelmhu.

4.2.2.10 Is-Sindku tkellem fuq minuta 3.3.25 ta' paġna 8 fejn staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp.

Il-Kunsillier is-Sinjorina Celine Camilleri qalet li ser tkelmu.

4.2.2.11 Is-Sindku tkellem fuq minuta 3.3.26 ta' paġna 8 fejn qal li telgħet fuq facebook.

4.2.2.12 Is-Sindku tkellem fuq minuta 3.3.27 ta' paġna 9 fejn talab lis-Segretarju Eżekuttiv jispjega fuq il-kuntratt mal-*cleansing*.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal għal-knies tat-toroq mhux ser tinħareġ sejħa għal offerti iżda ser jiġi iffirmat kuntratt mal-*cleansing division* u ser jiġi iffirmat dalwaqt u l-kuntratt li għanda fil-preżent skada f'settembru. Huwa kompla jispjega li ser nibbenifikaw minn rati iktar aħjar u jekk jkun hemm xi ħaddiema li ma jkunx qed jgħamel xogħol tajjeb jkun jista jinbidel. Huwa qal li minn erbgħa ħaddiema ser jkollna tmien ħaddiema u supervisor. Huwa qal li s-supervisor mhux ser jkun imħallas mill Kunsill. Huwa qal li kull ħaddiem ser jiswa madwar €11500 kull sena u bħala budget l-Kunsill jista jaffordja għat-tmien ħaddiema. Huwa qal li ser jkellem lil *Contracts Manager* ħalli tkun tista tgħamel *work plan* għal tmien ħaddiema.

Kien hemm qbil li s-Sindku flimkien ma' mas-Sinjura Lucille Bonnici u l-*Contracts Manager* jaħdmu fuq din il-lista tat-toroq.

Is-Sindku qal li l-*mechanical sweeper* tal-promenade ilha xahrejn bil-ħsara.

Kien hemm qbil li ninfurmahom li l-*mechanical sweeper* bil-ħsara.

4.2.2.13 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq minuta 3.2.3 ta' paġna 2 fejn staqsa jekk kellniex *feedback* fuq il-proposta tagħna sabiex Triq il-Blajjiet jsir id-dawl bil-pannelli. Huwa qal li lest li jiltaqgħa magħhom jekk ikun hemm bżonn.

4.2.2.14 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq minuta 3.2.11 ta'paġna 4 fejn tkellem fuq il-quote li kellhu jibgħat in-Nexos jekk irċevejniex.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li konna irċevejniha €673 il-wieħed

4.2.2.15 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq minuta 3.3.8 ta'paġna 5 fejn qal li kulljum jirċivi ilmenti illi l-kontenitur tal-kartun anke fil-ġurnata li jitbattal jerġa jkun imfawwar u staqsa jekk il-cleansing jistgħax jiġbor ta' kuljum il-kartun li jkun hemm madwar l-iskips.

Is-Sindku qal li għadna indaħluh fil-kuntratt li ser jiġi iffirmat mal-*Cleansing* tal-*isweeping* sabiex madwar il-kontenituri jiġi imnaddaf mill-*isweepers*.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-kuntrattur tal-iskart kien ineħħijom mhux l-*isweepers*.

4.2.2.16 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq minuta 3.9.2 ta' paġna 11 fejn tkellem fuq il-problemi tad-dawl li qed jkollna fil-lokal li ilhom pendenti minn Frar fejn ġab diversi eżempji.

Kien hemm qbil li issir laqgħa urġenti mas-CEO tal-Enemalta.

4.2.2.17 Il-Kunsillier is-Sinjorina Celine Camilleri tkellmet fuq minuta 3.3.14 ta' paġna 6 fejn wara l-Karnival tas-Sajf intefu ħafna konfetti tal-plastik fuq is-simenta u Triq is-Salini minn karru wieħed u ħafna minnhu spiċċa l-baħar.

Il-Kunsillier is-Sinjura Maryrose Mifsud infurmat immedjatament lil organizzatur u skuża ruħu u aċċertaha li mhux ser terġa issir.

Il-Kunsillier Francis Gilford issuġġerixxa sabiex il-karrijiet ma jipparkjawx quddiem in-nies għaliex ma setax jaraw l-ispettaklu.

4.2.2.18 Il-Viċi Sindku tkellmet fuq minuta 3.2.2 ta' paġna 2 fejn qalet li ikkonfermaw illi l-Pillbox ta' Triq Apap Bologna hija tal-privat.

4.2.2.19 Il-Viċi Sindku tkellmet fuq minuta 3.2.2 ta' paġna 2 fejn qalet l-Perit ser jibgħatilna il-BOQ's tad-dog friendly beach sabiex inkunu nistgħu napplikaw għal-istruttura għas-sajf li ġej.

4.2.2.20 Il-Viċi Sindku tkellmet fuq minuta 3.2.7 ta' paġna 3 fejn staqseit jekk kellniex *update* minn TMalta fuq il-*one ways system* ta' Bellavista*.*

Is-Segrtearju Eżekuttiv qal li tkellem mas-Sur Michael Cohen u qallu l-Perit Audrey Testaferrata De Noto qed tikkordina kollox. Huwa qal li l-*one way system* ma tistax ta]dem qabel ma ssir it-*traffic lights*.

4.2.2.21 Il-Viċi Sindku tkellmet fuq minuta 3.3.18 ta' paġna 7 fejn qalet li rigward il-*cactus garden* għandna tgħamel laqgħa mal-kuntratturi biex jibdew.

4.2.2.22 Il-Kunsillier Dr Patrick Camilleri tkellem fuq minuta 3.7.4 ta' paġna 10 fejn qal li l-*headmistress* ta' Sant Anna qablet u anke bgħat il-Kunsill il-Kummenti ta x'qed jitolbu għaliex hemm bżonn li jiġi ffirmat kuntratt. Huwa kompla jispjega illi l-*headmistress* tal-iskola ta' San Gwakkin riedet tiltaqa wara li jibdew l-iskola.

Il-Kunsillier Dr Patrick Camilleri jspjega li l-*ischool grannies* huma biex anzjani li xogħolhom ser jkunu li jidderiġu lit-tfal sabiex jidħlu ġol iskola. Huwa spjega li flimkien mal-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud iltaqu mal-*headmistress* ta Sant'Anna u nies mid-Dipartiment fejn bgħat il-punti kollha lil *head of school* u min-naħa tad-dipartiment reġu għaddew il-kummenti tagħhom bl-aħmar u huwa għadda kollhox lil Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li fil-kuntratt hemm stipolat illi l-sejħa tinħareġ mill-Kunsill, kif ukoll jiffirmaw il-Kunsill u anke attendenza. Huwa qal li jekk l-inizjattiva għamilha l-ministeru għandu jimplimentaha l-Ministeru.

Il-Kunsillier Dr Patrick Camilleri qal li huwa bgħat kollhox b'email.

Id-diskussjoni tkompliet bejn il-Kunsilliera.

Is-Segretrju Eżekuttiv qal li ser jikkomunika magħhom sabiex jiċċara ċertu affarijiet sabiex wara jiġi ffirmat l-MOU.

4.3 **<u>Komunikazzjoni mis-Sindku:</u>**

4.3.1 **<u>Quotation for council table:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta tlett kwotazzjonijiet sabiex issir mejda ġdida tal-board room.

1) Woodpecker €2260 vat included
2) Steve Psaila Woodworks €2900 vat included
3) Midwoods €2600 vat included

Il-Kunsill qabel unanimament li jintgħażel il-woodpecker għal ammont ta' €2260 vat ikluż.

4.3.2 **<u>Cir AKL 2024/056 Vjal Kulhadd Opportunita biex jibda jigi implimentat il-progett 'slowstreets':</u>**

Is-Sindku qal li din kienet konferenza li ħejjew TMalta u Infrastructure Malta fejn kull Kunsill seta japplika għal toroq pedonali bħal Triq il-Knisja u Triq San Gorg pero` parzlajalment għaliex hemm xi garaxxijiet, tinbidel il-bankina fi Triq iż-Żonqor mid-dar il-ħamra sal-guard room li kellu l-puluzija.

Il-Viċi Sindku issuġerit illi issir bicycle trail minn Żonoqr u tibqa nieżla sal-Pjazza

Id-diskussjoni tkompliet sabiex jsiru diversi bankini

Is-Sindku qal li l-bankina jistgħu jsiru mill-fond allokat mill-*public works*.

Kien hemm qbil sabiex l-iskema ta' Vjal Kulħadd isiru Triq il-Knisja ħlief dik il-persuna li għanda garaxx biex ikunu jista jidħol u joħroġ ġol garazz u Triq San Ġorg minn taħt l-Awwista l-ġewwa fejn jsiru pedonali.

Kien hemm qbil sabiex mill-fond tal-*Public Works* napplikaw għa Triq il-Blajjiet, Triq iċ-Ċerviola, Triq iż-Żonqor mid-dar il-ħamra sal-kamra tal-puluzija u Triq iz-Zoqnor faċċata tal-Awwista.

4.3.3 **<u>Pelican crossing:</u>**

Kien hemm qbil sabiex nitolbu lil TMalta sabiex iz-zebra crossing ta' Triq Sant' Antnin quddiem il-Maltapost minflokk tibqa *belishia* issir *pelican lights*.

4.3.4 **<u>Laqgħat tas-Sindku</u>**

Is-Sindku qara il-lista ta' laqgħat li kellhu

4.3.4.1 Laqgħa tal-bord tal-Inwadar.

4.3.4.2 Laqgħa tal-Bord tal-Gal

4.3.4.3 Laqgħa tar-Regjun u Agm fejn attendew Il-Kunsillier is-Sur Charlot u l-Kunsillier is-Sinjura Maryrose Mifsud.

4.3.4.4 Laqgħa flimkien mal-Kunsillier is-Sinjorina Celine Camilleri rigward il-Juniour Council.

Il-Kunsillier Celine Camilleri spjegat lil għal ewwel darba ser jkunu preżentu huma u ser ssir 12 ta' Novembru

4.3.4.5 Konferenza Vjal kulħadd organizzata mit-TM.

4.3.4.6 Laqgħa mal-personal assistant tal-Ministru Zrinzo Ray Vella rigward tlett ċnut ta`periklu biex jitranġaw immedjatament.

4.3.4.7 Applikaw għall-progett tal-Erasmus mat-Turkija. Dan through Douzelage. Tema: Empowering Youth workers to overcome Stress Through mindfulness and Volunteering.

4.3.4.8 Laqgħa tar-Reġjun fejn iddiskutew xi programmi għat tfal tal-iskejjel. Ser ikun Quiz, Sports u programm fuq TV. Kompetizzjonijiet fil-villaġġ u wara jikkompetu ma Kunsilli oħra fir-Regjun.

4.3.4.9 Diversi laqgħat mal-Kunsilliera Charlot Mifsud, Beverly Saliba u Frank Gilford fejn ġew diskussi diversi proġetti u xogħol ieħor. Proġetti edukattivi, tranġar ta` bankini eċċ.

4.3.4.10 Il-Fundazzjonini tar-riġenerazzjoni taż-Żoni Turistiċi irreġawlna 25 bank għax xatt u dan hekk kif kien miftiehem. Fadal 5 u ser jiswew mal-€2000 vat inkluz.

Il-Kunsill iddeċidea bi qbil unanimu li jixtraw dawn il-5 bankijiet.

4.3.5 **<u>Christmas Village</u>**

Is-Sindku qal li flus allokati għal christmas village għandna €14000 u ser issuġerixxa laqgħa fid-9 ta' Ottubru fl-10.30am għal minn jista jattendi

4.3.6 **Laqgħat tal-Kunsillier Jesmond Abela**

4.3.6.1 Laqgħa mad-Djakonija ta' Marsaskala jixtiequ jorgannizaw korsiijiet u talbu l-għajnuna tal-photcopies.

4.3.6.2 Attenda laqgħa making numbers works organizzat mill-assoċjazjoni tal-Kunsilli Lokali.

4.3.7 **Laqgħat tal-Kunsillier Beverly Saliba**

4.3.7.1 Spjegat illi l-Greċja marru tajjeb u promovew kulturi differenti u approċjawom NGO Griega System G u ser jiftħu fergħa Malta fuq edukazzjoni u *climate change* u ambjent u ser ikun hemm laqgħa f'Ottubru li ser tinfurmahom biha.

4.3.7.2 Proġett ieħor ser isir minn tfajla Martina Camilleri fejn qed tiltaqa mas-residenti u qed tistaqsijom kif tista tkun ġar tajjeb, fjen spjegat fid-dettal fuq dan il-proġett.

4.3.7.3 Qed isegwi ukoll programmi Optimist Club fejn dawn huma *homework classes*, fejn flimken mas-Sindku iltaqu magħhom fejn ofrewlhom it-*training centre*. Hija spjegat li din hija inizjattiva tas-Sur Reuben Buttigieg u dan isir bla ħlas.

4.3.7.4 Kellha attivita tal-banda fejn il-Gvern qed jgħin u jippromovi il-festa maltija sabiex il-festa tibqa tradizjonali.

4.3.8 Il-Kunsillier Dr Patrick Camilleri qal li qed jaħdem sabiex issir MOU mal-Eskills Malta sabiex jofru korsijeit diġitali għal anzjani filgħodu u korsijiet filgħaxija.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hemm il-komputers tat-TCTC fit-*training centre* u jekk filkas ser jkollu jneħħi tiegħu. Huwa qal li forsi jsir fuq livell ta Reġjun.

4.3.9 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud u l-Kunsillier is-Sinjur Mary Rose Mifsud qalu li mis-7 sa 10 ta Ottubru għandna tinxtgħel il-binja tal-Kunsill ħadra bħala *World Mental Health day* u wara tinxtel roża minħabba l-*pink october*.

4.3.10 Il-Kunsillier is-Sur Francis Gilford qal li tneħħew diversi karozz mitluqa. Huwa qal li minn SanTumas tneħħew dagħejes imkissrin u karrijiet. Huwa qal li tranġaw banikini u central strips, kif ukoll sleppeing policeman u tabelli

4.3.11 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li iltaqgħa mar-residenti tal-bidni fejn ilhom iktar minn ġimgħatejn bit-triq magħluqa u hemm bżonn li din jitlesta ix-xogħol

Kien hemm qbil li jitkellmu mal-kuntrattur

4.3.12 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li hemm toroq li huma immarkati ħażin fuq *google maps* u anke kien hemm bżonn ta ambulanza fejn ma sabux it-triq il-persuna mietet. Huwa qal li lest li jgħin sabiex ninfurmaw lil google bl-iżbalji u jiġu rranġati. Huwa qal li hemm ukoll toroq mhux immarkati.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal sabiex jaħdmuha ma Claire tal-*customer care*.

Kien hemm qbil dwar dan.

4.3.13 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li fuq id-dawl ta Ottubru l-Kunsill kellu *reflectors* fejn inbidlu id-dawl u kellhom control.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li qedin ġol kamra ta ħdejn il-*customer care*.

4.3.14 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa jekk jistax l-Epic jestendi il-permess tiegħu għal tlett xhur oħra.

Kien hemm qbil dwar dan u jħallas għal tlett xhur

4.3.15 Il-Kunsillier Dr Patrick Camilleri qal li l-bus shelter ta’ ħdejn ir-Razzett tal-Ħbiberija spiċċut u hemm ħafna wires mikxufin.

Il-Kunsill qabel li ninfurmaw lil TMalta.

4.3.16 **L-ikla tal-Kunsill:**

Il-Kunsill qabel unanimament li l-ikla tal-Kunsill issir il-Ħamis 19 ta’ Diċembru 2024, bħala venue tiġi deċiża iktar il-quddiem

- Is-Segretarju Eżekuttiv talab lil Kunsilliera sabiex il-lista tax-xogħolijiet tal-Kunsilliera ma tibqax tiġi preżentata waqt il-laqgħa iżda jgħadduha lir-Rebecca sabiex itellaha fuq facebook

4.4 **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillier:**

Ma kienx hemm tweġibiet

**4.5 Rapporti:**

**Ma kienx hemm rapporti**

**4.6 *Items oħra ta’ xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;***

Ma kienx hemm items oħra

**4.7 *Korrispondenza:***

**4.7.1 Triq il-Baħħara one Way Proposal (35/2381/24/I):**

Is-Sindku spjega li resident talab sabiex Triq il-Baħħara bejn Triq il-Gandofli u Triq l-Irmiġġ issir *one way*, tiħdol minn-naħa ta’ Triq l-Irmiġġ. Is-Sindku spjega illi tajjeb li din issir *one way* għaliex perikoluża iżda ssir bil-kontra għaliex kif qed jiproponi dan ir-resident it-traffiku ser jiġi devjat kollu lejn Triq is-Salini minflokk jibqa ħiereg lejn Triq il-Qaliet peress li l-parti l-oħra ta’ Triq il-Baħħara n-naħa tal-Fama Gusta diġa qed *one way*.

Il-Kunsill qabel illi l-uniku dħul għal Triq il-Baħħara jibqa min-naħa tal-Fama Gusta u l-parti bejn Triq il-Gandofli u Triq l-Irmiġġ issir one way (ma jiksrux iktar minn naħa ta Triq l-Irmiġġ. Il-Kunsill qabel ukoll illi il-fetħa ħdejn Reuben tat-tyres fejn qabel kienu jinżlu minnha issa tingħalaq ukoll u issir parkeġġi.

**4.7.2 Collaboration between eskills Malta Foundation and the Marsaskala Local Council (35/2494/24/I):**

Din diġa ġiet diskussa.

**4.7.3 SPI/SCI/7/2024 Espressjoni ta’ Interess – Servizz ta’ Manutenzjoni Minuri f’binjiet pubblici(30/2405/24/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li din l-iskema qeda għal manutenzjoni bażika u mhux għal bżonn li għandhom bżonn il-latrini.

Il-Viċi Sindku staqsiet ta’ minn huma il-latrini.

Is-Segretarju Eżekuttiv li dawn mhux tal-Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li l-latrina taż-Żonqor trid titwaqqa u tinbena għaliex is-soqfa jridu jinbidlu u il-ħitan milħin u tal-Jerma ukoll trid titwaqqa. Huwa qal ukoll li il-problema tal-leak tal-ilma tal-latrina ta' San Tumas għada ma ssolvietx.

Is-Sindku qal li nagħżlu latrina waħda u naraw jekk l-MTA jistgħax jgħina u jekk ma jgħinuniex ngħamluha aħna.

Il-Kunsilliera qalu li ssir ta taħt il-knisja.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li s-saqaf tal-tatrina tal-Jerma qed tgħamel l-ilma u irridu nduru is-saqaf bir-resin jew materjal ieħor tajjeb.

Is-Sindku qal sabiex il-manutenzjoni tal-latrina ta' taħt il-knisja issir mill-fondi tal-Kunsill, il-latrina ta' San Tumas nitolbu l-MTA għal għajnuna finanzjarja, il-latrina taż-Żonqor inġibu l-permess li nsabiex nappliakw f'isimna il-Planning ħalli titwaqqa u terġa issir mill-ġdid u sadanitant inqabdu lil Perit sabiex jara jekk is-saqaf hux ta periklu u ssir il-manutenzjoni temporanja li hemm bżonn, filwaqt li l-latrina tal-Jerma ma tinbiliex għalissa minħabba l-iżvilupp tal-Jerma imma issirilha l-manutenzjoni tas-saqaf.

Kien hemm qbil unanimu dwar dan

4.8 **<u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti Nru 4:</u>**

**4.8.1** Is-Segretarju Eżekttiv preżenta pagament li daħal tard ta Blooming Garden Ltd għal xogħol b'urġenza ta parks and gardens li sar f'Ġunju fin-nuqqas tal-kuntrattur tal-Kunsill li jammonta għal €4130.00 bl-invoice number SINV2024039770

Il-Kunsill qabel li jitħallas.

**4.8.2** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq pagament nru 6440 rigward ix-xiri tal-vann il-ġdid.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-van iż-żgħir spiċċa u allura xtrajna van ieħor minfloku u hemm xi ħadd insterresat jixtri il-van minflokk nisprakjawh.

Kien hemm qbil li nitolbu €500 għal van.

***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ipprona l-approvazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier Dr Patrick Camilleri issekonda. Il-votazzjoni kienet 11 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni***

4.9 **<u>Mozzjonijiet:</u>**

4.9.1 **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier is-Sur John B Camilleri u issekondata mill-Viċi Sindku (Nru 012 – 30/9/24):</u>**

*"Jipproponi li titneħħa l-Washingtonia li hemm mejtin fi Triq is-Salini u Triq iz-Żonqor u jiħawwlu siġar ġodda ta' l-istess tip minflokhom."*

Il-Kunsill qabel li nixtruhom mingħand il-kuntrattur tagħna u jħawwilhom hu ukoll.

2.10 **<u>Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.</u>**

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fid-9.00pm. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir Nhar it-Tlieta 22 ta' Ottubru 2024 fis-6.00pm.

Ikkonfermat illum 30 ta' Settembru 2024.

_______________ _______________

**Josef Grech** **Mario Calleja**

**Segretarju Ezekuttiv** **Sindku**

Minuti tal-Kunsill Lokali Marsaskala – Laqgħa Numru 4 id-Disa Leġislatura